MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2010

Rikors Numru. 3/2009

**Concetta Decelis u Jason Decelis.**

**vs.**

**Il-Ministru tal-Gustizzja u l-Intern u l-Avukat Generali u D-Direttur Generali Qrati tal- Gustizzja u l-Kumissarju tal- Pulizija.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors kostituzzjonali ta’ Concetta Decelis u Jason Decelis datat 15 ta’ Jannar 2009 a fol. 1 tal-process fejn esponew:-

Illi b’sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta’ Settembru 2008, is-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali fit-13 ta’

Gunju 2006 fil-kawza fl-ismijiet "**Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis"** giet konfermata ghar-ragunijiet indikati fl-imsemmija sentenza.

Illi jirrizulta li Rachael Bowdler u l-esponent kienu ftehmu li jidhlu fir-residenza tal-esponenti waqt li Bowdler kienet taht l-influwenza tad-drogi u sussegwentement Bowdler kienet intilfet minn sensiha waqt li kienet qieghda fir-residenza tal-esponenti flimkien mal-esponent. Matul iz-zmien li Bowdler baqghet mitlufa minn sensiha l-esponent u sussegwentement l-esponenti, flimkien mal-esponent, kienu naqsu li jsejhu ghall-ghajnuna medika professjonali u minflok, filwaqt li l-esponenti kienet qaghdet ma' Bowdler matul il-hin li ghadda sakemm Bowdler mietet, l-esponent amministra injezzjoni ta' melh lil Bowdler bit-tama li din is-sustanza tgholli l-pressjoni fic-cirkolazzjoni tad-demm f'Bowdler, affetta kif kienet minn *overdose* ta' droga, billi huwa notorjament maghruf li l-*overdose* tad-droga tbaxxi b'mod vistuz il-pressjoni fic-cirkolazzjoni tad-demm fil-gisem ta' min ikun affett minnn dawn is-sintomi. Izda minkejja dan Bowdler mietet fit-13 ta' Mejju 2001.

Illi sussegwentement l-esponenti kienu tressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati u gew mixlija bl-omicidju volontarju ta' Bowdler u wara li inghalqet il-kumpilazzjoni l-kaz taghhom intbaghat biex jigi trattat minn *Jury* b'akkuza ta' omicidju volontarju ta' Bowdler.

Illi wahda mil-linji defensjonali tad-difiza fil-kors tal-Istruttoria, fil-kors tas-smigh tal-Jury u anke fil-kors tas-smigh tal-appell li gie ntavolat wara li l-Jury gie mitmum kien fis-sens li wiehed mill-elementi kostitutivi tar-reat ta' omicidju volontarju ma kienx jikkonkorri *stante* li l-agir tal-esponenti, konsistenti fin-nuqqas taghhom li jsejhu l-ghajnuna medika professjonali ma kienx jammonta ghal reat, b'mod li l-agir taghhom ma setax kien doluz u konsegwentement r-reat ta' omicidju volontarju ma setax twettaq *una volta* li wiehed mill-elementi kostitutivi ta' dan ir-reat ma kienx jissussisti.

Illi fil-kors tal-Indirizz tal-Imhallef sedenti lill-gurati l-Qorti Kriminali ttrattat *in extenso* din il-linja defensjonali u effettivament waslet ghall-konkluzjoni li l-esponenti kellhom *duty of care* fil-konfront ta' Bowdler u li ghalhekk l-agir taghhom kien jissodisfa l-element doluz rikjest mil-Ligi fil-kaz tar-reat ta' omicidju volontarju, *stante* li l-agir taghhom kien jammonta ghal reat.

Illi permezz tal-verdett relattiv tal-gurati l-esponenti nstabu hatja tal-omicidju volontarju ta' Bowdler u wara li l-Onorabbli Qorti Kriminali hadet konjizzjoni ta' dan il-verdett u b'sentenza moghtija fit-13 ta' Gunju 2006 ikkundannathom ghal hmistax-il sena prigunerija kwantu l-esponenti u hamsa u ghoxrin sena prigunerija kwantu l-esponent illi minnu kellu jitnaqqas iz-zmien li huma kienu detenuti taht arrest preventiv fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin.

Illi b'rikors tal-appell ipprezentat mill-esponenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Appell Kriminali *inter alia* saret enfasi fuq it-tesi tal-esponenti li fic-cirkostanzi tal-kaz huma ma kellhomx *duty of care* impost fuqhom mil-Ligi Kriminali b'mod li l-agir taghhom kif riferit supra, ma setax kien doluz billi huma ma kienu kisru ebda disposizzjoni tal-Ligi Kriminali b'mod li r-reat ta' omicidju volontarju ma setax jissussisti ladarba li wiehed mill-elementi essenzjali ta' dan ir-reat ma kienx jissussisti, kif intqal.

Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008 'il fuq imsemmija sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali giet ikkonfermata fl-*intier* taghha.

Illi f'dik is-sentenza l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ittrattat dettaljatament it-tezi tal-esponenti, aktar 'il fuq riferita u kkonfermat li kien il-kaz, kif sottomess mill-esponenti fil-kors kollu tal-proceduri kriminali istitwiti kontra taghhom, li fic-cirkostanzi l-Ligi Kriminali ma kinitx timponi *a duty of care* fuq ir-rikorrenti.

Illi pero`, wara li dik l-Onorabbli Qorti ppremettiet li l-Ligi Kriminali ma kinitx timponi dan id-dmir statutorju fuq l-

esponenti rreferiet ghal diversi awturi Inglizi li jaghmlu referenza ghal-Ligi Komuni Ingliza u rriteniet li l-Onorabbli Qorti Kriminali kienet interpretat korrettement l-import ta' dak li kienu qalu dawna l-awturi, b'referenza ghal-Ligi Komuni Ingliza fir-rigward tan-nuqqas volontarju ta' persuna li ghandha *a duty of care* li tipprovdi l-ghajnuna mehtiega daqslikieku tali interpretazzjoni twettqet fir-rigward ta' disposizzjoni formanti parti mil-Ligi Kriminali Maltija u daqslikieku r-rikorrenti kellhom dan id-dmir statutorju meta sehh dan il-kaz fl-2001 impost mil-Ligi Kriminali Maltija.

Illi ghalhekk jirrizulta li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghall-awturi Inglizi u anke Skoccizi u ghall-gurisprudenza rizultanti mill-*Common Law* Ingliz citata minn dawna l-awturi barranin u permezz tal-analogija, nisslet regola ta' Ligi Penali applikabbli fil-kamp penali Malti u konsistenti fid-*duty of care* li l-esponenti allegatament kellhom fl-2001, meta sehh dan il-kaz u *in oltre* l-esponenti gew ikkundannati ghat-termini ta' prigunerija aktar 'il fuq imsemmija *stante* l-konferma tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti Kriminali u dan kollu bi pregudizzju gravi ghar-rikorrenti u bi ksur palez tal-massimu legali tan-"*nullum crimen sine lega, nulla pena sine lege"* u konsegwentement bi ksur tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jigi rilevat li *oltre* l-fatt li s-sentenza riferita kellha l-effett li tintroduci fil-Ligi Penali Maltija d-*duty of care* applikabbli fil-fattispeci ta' dan il-kaz b'analogija mal-pozizzoni legali Ingliza f'dan ir-rigward, b'danakollu din ir-regola tal-ligi gdida giet applikata b'mod li toltrepassa l-parametri stabbiliti mill-gurisprudenza Ingliza stess. Difatti, kif jirrizulta mis-siltiet tal-pubblikazzjonijiet redatti minn awturi Inglizi u Skoccizi, kwotati fl-imsemmija sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, ilkoll jittrattaw d-*duty of care* aktar 'il fuq imsemmi u jikklassifikawh fl-ambitu tal-kuncett Ingliz tal-*manslaughter* li huwa analogu ghall-kuncett penali Malti ta' omicidju involontarju. *In oltre* s-sentenzi riferiti minn dawn l-awturi barranin, mill-

*Common Law* Ingliz, ilkoll jittrattaw dan is-suggett fil-kuntest tal-*manslaughter*, anke f'kazijiet li huma identici jew simili ghall-fattispeci ta' dan il-kaz.

Illi konsegwentement, barra l-introduzzjoni ta' din ir-regola tal-Ligi Penali Ingliza fil-Ligi Penali Maltija b'analogija, l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali tat-interpretazzjoni mill-aktar wiesgha ghal din ir-regola u estendiet l-applikazzjoni taghha ghall-kamp tal-omicidju volontarju billi kkaratterizzat l-agir tal-esponenti f'dan il-kaz, fil-kuntest tad-*duty to care* li l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali rritieniet li kien dovut lill-mejta bhala *"reckless"* fis-sens li l-esponenti deliberatament naqsu li jsejhu ghall-ghajunna bir-riskju li dik l-ommissjoni kienet twassal ghall-mewt ta' Bowdler. Konsegwentement permezz ta' din l-interpretazzjoni wiesgha, il-principji legali u l-elementi essenzjali li fuqhom huwa bbazat ir-reat ta' *manslaughter* fil-kamp tal-Ligi penali Ingliza, fid-dawl tal-gurisprudenza Ingliza, in kwantu jirrigwarda b'mod specifiku l-imsemmi *duty of care* gew mibdula radikalment bi pregudizzju ghar-esponenti.

Illi ghalhekk, *anchoche`* li l-introduzzjoni tal-imsemmi *duty of care* fil-Ligi Kriminali Malti medjanti l-*Common Law* Ingliza, bhala applikabbli ghal dan il-kaz, kien legalment fondat, l-interpretazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fis-sens li estendiet l-applikazzjoni ta' dan il-kuncettt, mill-kamp tal-*manslaughter* ossija tal-omicidju involontarju ghall-kamp tal-omicidju volontarju kien jammonta ghal interpretazzjoni estensiva u wieghsa ta' dan il-kuncett paragunat mal-applikazzjoni tieghu mill-gurisprudenza Ingliza minn fejn gie derivat dan il-kuncett mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u dan bi pregudizzju gravi ghall-esponenti u konsegwentement bi ksur tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

Illi fit-tielet lok u minghajr pergudizzju ghall-premess, f'kaz li l-introduzzjoni tal-imsemmi *duty of care* fil-Ligi Penali Malti kif fuq inghad, kien legalment fondat u f'kaz li l-interpretazzjoni li inghatat lil dan il-kuncett ma kinitx

estensiva u in effetti kienet fil-parametri tal-applikazzjoni tal-istess kuncett mill-kazistika Ingliza in materja, pero` din ir-regola tal-Ligi giet fis-sehh definittivament meta l-proceduri kriminali li kienu gew istitwiti originarjament kontra l-esponenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati intemmu permezz tas-sentenza riferita moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta'Settembru 2008. Billi l-agir li wassal biex jigu istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tal-esponenti sehh fit-13 ta' Mejju 2001, f'dik id-data, apparti l-fatt li kif irriteniet l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, il-Ligi Kriminali, sal-25 ta' Settembru 2008 ma kinitx tikkontempla l-imsemmi *duty of care* u naturalment ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dmir sad-data tal-prolazzjoni tas-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, allura dan id-dmir gie ntrodott fil-Ligi Kriminali b'sehh mill-25 ta' Settembru 2008, meta inghatat is-sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali. Pero` jirrizulta li din ir-regola tal-Ligi formanti parti mil-Ligi Kriminali b'effett minn din id-data u cioe` mill-25 ta' Settembru 2008, giet moghtija effett *ex post facto* u retrospettivament ghad-data meta sehh dan il-kaz seba' snin qabel u cioe` fit-13 ta' Mejju 2001 meta allura l-agir tal-esponenti ma kienx jikkostitwixxi reat u meta allura l-agir tal-esponenti ma setax kien doluz ghall-finijiet ta' akkuza ta' omicidju volontarju u dan bi pregudizzju ghall-esponenti u bi ksur tal-principju legali tan-"*nullum crimen sine lege, nulla pena sine lege*" u *in oltre* bi ksur tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

Illi fl-ahharnett u minghajr pregudizzju ghall-premess, minn meta sehh il-kaz li ta lok ghall-proceduri kriminali kontra l-esponenti sakemm l-istess proceduri gew definiti permezz tas-sentenza riferita moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali sehhet bidla fondamentali fil-qaghda legali liema bidla ppregudikat lill-esponenti gravement. Kif intqal, fit-13 ta' Mejju 2001, meta sehh dan il-kaz, ma kienx hemm obbligu legali mpost mil-Ligi Kriminali fuq l-esponenti biex jipprovdu l-assistenza lill-mejta u ghalhekk f'kaz ta' inadempjenza tali ommissjoni ma kienx jikkostitwixxi reat. Konsegwentement f'dik id-data l-imgieba tal-esponenti ma kinitx tissodisfa r-rekwizit

tad-dolo biex ikun jista’ jissussisti r-reat ta’ omicidju volontarju *una volta* li tali agir, dak iz-zmien ma kienx jammonta ghal illecitu penali. Izda b’sehh mis-sentenza riferita moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali, il-posizzjoni legali tbiddlet radikalment billi l-komportament tal-esponenti sar illecitu penali, kif intqal, b’mod li l-element doluz fir-reat ta’ omicidju volontarju gie sodisfatt u ghalhekk gie ritenut minn dik l-Onorabbli Qorti li r-reat ta’ omicidju volontarju effettivament kien issussista. Konsegwentement ir-regola tal-Ligi li wittiet t-triq biex l-agir tal-esponenti jigi karatterizzat bhala illecitu penali u konsegwentement biex jigi sodisfatt l-element tad-dolo fir-reat ta’ omicidju volontarju giet applikata *ex post facto* u retrospettivament, kif intqal. Ghalhekk avverat ruhha bidla legali radikali mid-data meta sehh dan il-kaz fit-13 ta’ Mejju tal-2001 sakemm ir-regola tal-Ligi msemmija giet ritenuta li tifforma parti integrali tal-Ligi Kriminali permezz tas-sentenza citata moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Settembru 2008 b’mod li r-rikorrenti gew pregudikati gravement, kif intqal u konsegwentement id-dritt fondamentali taghkom ghal smigh xieraq safa vjolat bi ksur tal-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-artiklu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

Illi ghalhekk l-istess rikorrenti talbu lill-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li r-referenza b’analogija ghall-Ligi Penali Ingliza, medjanti l-gurisprudenza Ingliza, permezz tal-imsemmija sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis,Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”**, wasslet ghall-introduzzjoni ta’ disposizzjoni jew regola tal-Ligi gdida fil-Ligi Penali Maltija li permezz taghha giet kostitwita responsabbilta` jew addebitu penali li ma kinitx kontemplata mil-Ligi Penali Maltija u dan bi pregudizzju gravi ghall-esponenti billi l-agir taghhom seta’ jigi u fil-fatt gie karatterizzat penalment bhala doluz b’mod li setghu jikkonkorru u in effetti kkonkorrew l-elementi kollha rikiesti mil-Ligi biex l-esponenti setghu jinstabu u effettivament

instabu hatja ta’ omicidju volontarju u dan bi ksur tal-principju ta’ *“Nullum crimen sine lege, nulla pena sine lege”* u ghalhekk bi ksur ta’ dak li jinghad fl-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzoni u tal-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

2. F’kaz li dak li nghad fl-ewwel domanda tal-presenti mhux legalment fondat, tiddikjara u tiddeciedi illi anke jekk ir-referenza b’analogija a ghal-Ligi Penali Ingliza medjanti l-kazistika Inliza, permezz tal-imsemmija sentenza, moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”**, kienet guridikament fondata, il-principji legali li jirrizultaw minn tali referenza gew interpretati b’mod estremement wiesgha li tiddipartixxi mill-ittra u mill-ispirtu ta’ tali principji legali esteri *stante* illi giet kostitwita responsabbilta` kriminali li mhix mahsuba minn din il-gurisprudenza barranija u bazata, tali gurisprudenza estera fuq il-kuncett legali Ingliz tal-*manslaughter* ekwivalenti ghal kuncett legali Malti ta’ omicidju involontarju u dan bi ksur tal-principju ta’ *‘Nullum crimen sine lege, nulla pena sine lege’* u konsegwentament bi ksur tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**.

3. F’kaz li dak li jinghad fit-tieni domanda mhux legalment fondat u li s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali kienet legalment fondata bil-mod u maniera li interpretat il-principji tal-Ligi Penali Ingliza medjanti l-gurisprudenza minnha citata, in kwantu applikabbli ghal dan il-kaz, tiddikjara u tiddeciedi li l-principji enuncjati mill-gurisprudenza Ingliza, kif interpretati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali permezz tal-imsemmija sentenza, moghtija fil-25 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”**, gew applikati *ex post facto* u retrospettivament billi tali principji allura formanti parti mil-Ligi Penali Maltija, konsegwenti ghas-sentenza riferita ma kinux effettivi meta sehh il-kaz li kien jinvolvi lir-rikorrenti

fl-2001 meta allura l-agir taghhom ma kienx jammonta ghal reat billi ma kienx doluz u ghalhekk ma setax iwassal biex huma jinstabu hatja ta’ omicidju volontarju u dan bi ksur tal-principju ta’ *Nullum crimen sine lege,nulla pena sine lege'* u konsegwentement bi ksur tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

4. Tiddikjara u tiddeciedi li in konsegwenza ta’ bidla radikali fil-qaghda legali mid-data meta sehh dan il-kaz fit-13 ta’ Mejju 2001 sad-data meta inghatat is-sentenza riferita mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”**, billi l-agir tal-esponenti, li fit-13 ta’ Mejju 2001 ma kienx doluz *stante* li huma ma kellhom ebda *duty of care* fil-konfront tal-mejta, impost fuqhom mil-Ligi Kriminali, in forza tas-sentenza riferita l-esponenti gew meqjusa li kellhom tali *duty of care* fil-konfront tal-mejta bil-konsegwenza li l-agir taghhom gie karatterizzat bhala illecitu penali u konsegwentement doluz b’mod li huma setghu jinstabu hatja u effettivament instabu hatja ta’ omicidju volontarju billi setghu jikkonkorru u in effetti kkonkorrew l-elementi kollha rikjesti mil-Ligi biex huma setghu jinstabu u fil-fatt instabu hatja ta’ omicidju volontarju b’mod li r-rikorrenti gew pregudikati gravement bi ksur tad-dritt fondamentali taghhom ta’ smigh xieraq billi huma gew gudikati *inter alia* skont regola tal-ligi li giet introdotta fil-Ligi Penali Maltija permezz tal-imsemmija sentenza meta din ir-regola tal-ligi ma kinitx fis-sehh fit-13 ta’ Mejju 2001 u dan in vjolazzjoni tal-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.**

5. F’kaz li tigi milqugha wahda jew aktar mit-talbiet tar-rikorrenti, tannulla, thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta’ Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”** u tirrinvija l-atti processwali, relattivament ghall-istess kawza lill-Onorabbli Qorti tal-

Appell Kriminali ghad-definizzjoni ulterjuri taghha jekk ikun il-kaz.

6. Tordna l-liberazzjoni tar-rikorrenti mic-Centru Korrezzjonali ta' Kordin wara li huma jkunu skontaw kwalsiasi periodu ta' prigunerija talvolta mposta fuqhom minn Qorti kompetenti jekk ikun il-kaz u f'kaz li ma tezisti ebda raguni kontemplata mil-Ligi ghad-detenzjoni ulterjuri taghhom, tenut kont li anke fl-ipotesi li r-rikorrenti jinstabu hatja tal-ksur ta' xi dispozizzjoni ohra tal-Ligi Kriminali, konsegwenti ghar-rinviju tal-atti processwali relattivament ghall-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis"** lill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u konsegwenti ghad-definizzjoni ulterjuri tal-istess kaz, inkluz li huma jinstabu hatja ta' omicidju involontarju, ir-rikorrenti jkunu gia` skontaw il-piena talvolta kontemplata mil-Ligi Kriminali in materja ta' tali reat *in vista* tad-detenzjoni taghhom aktar qabel fl-istess Centra Korrezzjonali ta' Kordin b'mod li jkun hemm lok ghal-liberazzjoni mmedjata taghhom.

Bl-ispejjez.

Rat li din ir-rikors kien appuntat quddiem il-Qorti ghas-smigh ghas-seduta tat-22 ta' Jannar 2009.

Rat ir-risposta tal-Ministru tal-Gustizzja u Intern, Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija datata 22 ta' Jannar 2009 a fol. 14 tal-process fejn esponew:-

1. Preliminarjament l-esponent Ministru tal-Gustizzja u Intern mhux legittimu kuntradittur *stante* li ma jwegibx ghad-decizjonijiet moghtija mill-Qrati.

2. Preliminarjament in kwantu r-rikorrenti jittentaw jergghu jressqu mill-gdid punti li ga tqajmu quddiem il-Qorti Kriminali u quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali, din il-procedura hija frivola u vessatorja u hi intenzjonata biss biex ir-rikorrenti jittentaw jiksbu dak li ma rnexxilhomx jiksbu fl-istadju tal-appell.

3. Preliminarjament in kwantu l-allegazzjonijiet vantati mir-rikorrenti u cioe` tal-ksur tal-principju *nullum crimen sine lege* setghu tqajmu fi proceduri ordinarji fi stadju ta' appell, din il-Qorti ghandha tastjeni milli tisma' dan il-kaz *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Kap 319**.

4. Preliminarjament ukoll ikun siewi jekk ikunu allegati l-atti tal-proceduri kriminali in kwistjoni jew inkella jkun hemm kopja f'dawn l-atti tas-sentenzi tal-Qorti tal-Appelli Kriminali (25 ta' Settembru 2008) u l-Qorti Kriminali (13 ta' Gunju 2006) u tal-indirizz lill-gurati fil-proceduri fil-Qorti Kriminali.

5. Illi fil-mertu, jinghad li fir-rikors promutur, ir-rikorrenti ressqu argumenti li meta wiehed jaghsarhom, isib li permezz taghhom, ir-rikorrenti qed isostnu li l-Qorti messha iddecidiet mod iehor, jew li l-Qorti messha interpretat il-ligi mod iehor. L-esponenti jissottomettu li dan mhux l-ghan ta' proceduri kostituzzjonali izda ta' proceduri ordinarji fi stadju ta' appell u ghalhekk din il-Qorti ghandha tastjeni milli terga' tidhol fil-mertu tal-kaz, u terga' tisma' u tiddeciedi punti li huma ta' din in-natura ordinarja peress li dawn irendu din il-procedura abuziva tal-procedura kostituzzjonali.

6. Illi m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali tal-25 ta' Settembru 2008, la taht il-Kostituzzjoni u lanqas taht il-Konvenzjoni Ewropea, u dan kif se jkun spjegat.

7. Illi rigward l-allegazzjoni ta' ksur tal-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzjoni**, l-esponenti jissottomettu li ma jirrizultax dan il-ksur peress li:-

a. Ir-rikorrenti nstabu hatja ta' reat li kien jezisti fil-ligi taghna u ilu hafna jezisti u cioe` l-**artikolu 211 (2) tal-Kap 9**. Mhux minnu li l-Qorti tal-Appelli Kriminali sabithom hatja dwar principji legali li ma kinux jezistu fil-ligi taghna izda li impurtathom mil-ligi Ingliza. Mhux lanqas minnu li l-Qorti applikat xi principji retroattivament ghall-mument

meta sar ir-reat ghaliex ir-reat taht l-**artikolu 211 (2)** kien reat fit-13 ta' Mejju 2001 meta sehh dan il-kaz. Ghalhekk m'hemmx kaz ta' ksur tal-principju *nullum crimen sine lege.*

b. Illi minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali jidher car li l-Qorti interpretat ligi ezistenti Maltija u interpretatha fid-dawl ta' kitbiet awtorevoli lokali u barranin u fid-dawl ta' gurisprudenza Maltija u barranija. Dan hu xoghol il-qorti li tinterpreta l-ligi. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li l-Qorti kienet qed tmur *oltre* l-parametri tas-setghat taghha jew kienet qed tohloq reat meta ma kienx hemm. Lanqas hu minnu li l-Qorti tat interpretazzjoni usa milli suppost lil xi provediment tal-ligi.

8. Illi rigward l-allegazzjoni tar-rikorrenti li sofrew ksur tal-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea**, l-esponenti jissottomettu li m'hemm l-ebda ksur bhal dan peress li:-

a. Ir-rikorrenti kif ga inghad instabu hatja ta' reat taht l-**artikolu 211**, liema reat kien jezisti meta sehh dan il-kaz.

b. Minghajr pregudizzju ghal dan, jinghad ukoll li l-**artikolu 7 (2)** jipprovdi li jistghu jkunu applikati wkoll il-principji generali tal-ligi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati u ghalhekk l-argument tar-rikorrenti li jilmentaw li kienet applikata l-ligi Ingliza u li dan jikser id-dritt fundamentali taghhom taht dan l-artikolu ma jregix.

c. L-esponenti jaghmlu referenza ghal zewg sentenzi tal-Qorti Ewropea ta' Strasbourg fl-ismijiet **C.R vs the United Kingdom** u **S.W. vs the United Kingdom** *(iz-zewg sentenzi inghataw fit-22 ta' Novembru 1995. Ara wkoll* ***Andrew Ellul Sullivan et vs Kummissarju tal-Pulizija Qorti Kostituzzjonali*** *deciza 18 ta' Gunju 2008***).** Fiz-zewg kazi l-allegazzjoni kienet li l-Qorti holqot reat gdid ta' stupru fiz-zwieg li ma kienx jezisti fil-ligi. Il-Qorti Ewropea ma sabitx ksur tal-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni**. L-esponenti jikkwotaw dawn is-siltiet mis-sentenza **C. R. vs UK:**

*'Article 7 (art. 7) of the Convention cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen......".*

*"The Court recalls that it is in the first place for the national authorities, notably the courts, to interpret and apply national law (see, for instance, the Kemmache v. France (no. 3) judgment of 24 November 1994, Series A no. 296-C, pp. 86-87,para. 37). It sees no reason to disagree with the Court of Appeal's conclusion, which was subsequently upheld by the House of Lords (see paragraph 15 above), that the word "unlawful" in the definition of rape was merely surplusage and did not inhibit them from "removing a common law fiction which had become anachronistic and offensive" and from declaring that "a rapist remains a rapist subject to the criminal law, irrespective of his relationship with his victim" (see paragraph 14 above).*

*"The decisions of the Court of Appeal and then the House of Lords did no more than continue a perceptible line of case-law development dismantling the immunity of a husband from prosecution for rape upon his wife (for a description of this development, see paragraphs 14 and 20-25 above)".*

9. Illi rigward l-allegazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti kif protett taht l-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** u l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**, l-esponenti jissottomettu li r-rikorrenti ma jissustanzjawx din l-allegazzjoni. Jissottomettu wkoll li l-fatt li r-rikorrenti ma jaqblux mas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ma jwassalx fih innifsu ghal ksur tad-dritt fundamentali tar-rikorrenti ghal smigh xieraq.

10. Illi f'kull kaz l-esponenti jissottomettu li l-gurisprudenza Maltija tghallimna x'inhuma l-elementi kostituttivi tar-reat ta' omicidju volontarju u certament dan il-kaz kien jinkwadra fl-**artikolu 211**. L-esponenti

jikkwotaw din is-silta mis-sentenza **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci** (Qorti tal-Appell Kriminali deciza 8 ta' Lulju 2004).

*'Ir-reat ta' omicidju volontarju huwa kompost mis-segwenti elementi: (1) jew l-akkuzat ra l-mewt bhala konsegwenza ta' ghemilu u ried dik il-mewt tal-vittma, jew (2) li huwa ra l-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u ghalkemm ma riedx il-mewt huwa xorta wahda ghamel dak l-att jew dawk l-atti li kien jaf li probabbilment kien jew kienu ser jikkawzaw dik il-mewt. Fl-assenza ta' xi wahda jew ohra ta' dawn iz-zewg forom ta' intenzjoni, il-gurati kellhom jikkonkludu li l-akkuzat ried biss iwegga' lill-vittma; u peress li mbaghad huwa ghandu jwiegeb ghall-konsegwenzi kollha ta' dik l-offiza, allura huwa ghandu jwiegeb ghar-reat ta' offiza gravi segwita bil-mewt.'*

11. Illi l-esponenti jirrizervaw id-dritt li jressqu risposta ulterjuri jekk ikun il-kaz minhabba z-zmien qasir hafna ta' jumejn li kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom biex iwiegbu ghal dan ir-rikors kostituzzjonali.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom *stante* li m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-22 ta' Jannar 2009 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Hubert Theuma ghall-intimati. Dehru r-rikorrenti assistiti minn Dr. Leon Bencini. Id-difensuri qablu li ghandu jigi allegat il-process tal-kawza u l-appell Kriminali ndikati fl-atti, u l-Qorti laqghet it-talba. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta' osservazzjonijiet u l-Qorti laqghet it-talba.

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tar-rikorrenti datata 14 ta' April 2009 a fol 24 tal-process.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja u Intern, l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija datata 10 ta' Awwissu 2009 a fol 45 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Jannar 2010 fejn il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-process kriminali kif indikat fir-rikors; u tat-23 ta’ Gunju 2010 fejn meta ssejhet il-kawza dehru d-difensuri tal-partijiet. Id-difensuri trattaw il-kaz u talbu jaghmlu nota ta’ sottomissjonijiet ulterjuri u iktar specifikatament fuq il-kuncett kriminali tar-reati in kwistjoni. Il-Qorti akkordat terminu ta’ tletin (30) gurnata lill-initmat ghal tali nota bil-*visto/*notifika lid-difensur tal-kontro-parti li nghatalhom tletin (30) gurnata biex jirrispondu. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghad-9 ta’ Dicembru 2010.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-Ministru tal-Gustizzja u Intern, Avukat Generali u Kummissarju tal-Pulizija datata 13 ta’ Lulju 2010.

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet preliminari tar-rikorrenti datata 18 ta’ Awwissu 2010 a fol 124 tal-process.

Rat l-atti processwali tal-kaz kriminali fl-ismijiet “**Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”** deciz b’sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta’ Gunju 2006 u b’sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta’ Settembru 2008 u s-sentenzi relattivi.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jilmentaw u jitolbu lil din il-Qorti sabiex tiddikjara li hemm ksur ta’ l-**artikolu 39**

**(8) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** *stante* li fil-kawza fl-ismijiet **"Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis"** moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Settembru 2008, saret referenza b'analogija ghal-Ligi Penali Ingliza, u gurisprudenza Ingliza, u waslet allegatament ghall-introduzzjoni ta' disposizzjoni jew regoli tal-Ligi godda fil-Ligi Penali Maltija, b'mod li skont ir-rikorrenti nholoq reat gdid li qabel ma kienx jezisti fil-Ligi Maltija.

Illi barra minn dan allegatament skont ir-rikorrenti kien hemm ksur tal-istess artikoli citati peress li l-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-istess sentenza interpretat tali principji b'mod li marret lil hinn anke mill-ittra u mill-ispirtu ta' tali principji legali esteri bil-konsegwenza li giet kostitwita responsabbilta` kriminali li mhix mahsuba lanqas minn din il-gurisprudenza barranija u bbazata, tali gurisprudenza estera fuq il-kuncett legali Ingliz tal-*manslaughter* ekwivalenti ghal kuncett legali Malti ta' omicidju involontarju, u ghalhekk kien hemm interpretazzjoni mill-ligi Ingliza b'mod wiesgha hafna li addirittura holqot reat fil-Ligi Maltija li huwa differenti anke mil-Ligi Ngliza stess.

Illi jinghad ukoll li r-rikorrenti qed jallegaw ksur tal-istess artikoli tal-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni peress li qed isostnu li l-principji enuncjati mill-gurisprudenza Ingliza, kif interpretati mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali permezz tal-imsemmija sentenza, gew applikati *ex post facto* u retrospettivament billi tali principji allura formanti parti mil-Ligi Penali Maltija, konsegwenti ghas-sentenza riferita ma kinux effettivi meta sehh il-kaz li kien jinvolvi lir-rikorrenti fl-2001.

Illi fl-ahharnett l-istess rikorrenti jallegaw vjolazzjoni tal-**artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni u tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem** peress li skont huma l-bidla radikali fil-qaghda legali mid-data meta sehh dan il-kaz fit-13 ta' Mejju 2001 sad-data meta inghatat is-sentenza riferita mill-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali u dan ghaliex gew applikati *ex post facto*

u retrospettivament ghaliex tali principji allura formanti parti mil-Ligi Penali Maltija, konsegwenti ghas-sentenza riferita ma kinux effettivi meta sehh il-kaz li kien jinvolvi lir-rikorrenti fl-2001 meta allura l-agir taghhom ma kienx jammonta ghal reat billi ma kienx doluz u ghalhekk ma setax iwassal biex huma jinstabu hatja ta’ omicidju volontarju u dan bi ksur tal-principju ta’ *“nullum crimen sine lege, nulla pena sine lege”.*

Illi l-ewwel eccezzjoni hija fis-sens li l-intimat il-Ministru tal-Gustizzja u Intern mhux il-legittimu kontradittur, u din il-Qorti thoss li tali talba hija gustifikata abbazi ta’ dak provdut fl-**artikolu 181 B tal-Kap. 12** u tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju.

Illi dwar it-tieni, t-tielet u r-raba’ ecccezzjoni jinghad li din il-Qorti thoss li bil-mod kif gew maghmulin it-talbiet tar-rikorrenti ma huwiex il-kaz li t-talbiet huma frivoli u vessatorji u lanqas huwa l-kaz li hija ma tapplikax id-diskrezzjoni taghha, bhal ma lanqas huwa l-kaz li jinghad li r-rikorrenti ma ezawrewx ir-rimedji ordinarji taghhom, u ghalhekk it-tieni, it-tielet u r-raba’ eccezzjonijiet tal-intimati qed jigu michuda.

Illi dwar il-mertu, mill-atti processwali jirrizulta li r-rikorrenti gew misjuba hatja u kkundannati ghal perjodu ta’ prigunerija skont sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali datata 25 ta’ Settembru 2008 fl-ismijiet **“Ir-Repubblika ta’ Malta vs Carmel Decelis, Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis”**. B’hekk l-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali ikkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali li sabet htija fil-konfront tar-rikorrenti a bazi tal-**artikolu 211 tal-Kodici Kriminali.**

Illi jirrizulta li sostanzjalment dak li qed jigi allegat mir-rikorrenti huwa li l-Qorti Kriminali tal-Appell, bil-mod kif interpretat l-istess artikolu, effettivament ikkrejat jew holqot reat gdid meta sostniet li r-rikorrenti kellhom a *duty of care* li gie tenut li r-rikorrenti ma osservawx, u li allura konsegwenza tal-istess inosservanza huma nstabu hatja ta’ omicidju volontarju, u dan meta l-istess rikorrenti jsostnu li l-elementi ta’ dan ir-reat, qabel tali sentenza, ma

kienx jinkorpora dan l-obbligu li gie ntrodott mil-Ligi Ngliza, proprju b'din is-sentenza, u allura qed jigi allegat li r-rikorrenti gew ikkundannati ghar-reat li ma qabel l-istess sentenzi ma kienx jezisti fil-Ligi Maltija.

Illi l-istess rikorrenti, jsostnu wkoll li fil-fatt bl-interpretazzjoni li saret tal-istess kuncett tad-*duty to take care,* l-istess Qorti marret ukoll *oltre* dak li tipprovdi l-ligi Ngliza fuq l-istess materja, ghaliex filwaqt li fil-Ligi Ngliza n-nuqqas ta' osservanza tad-*duty to take care* jista' jwassal ghar-reat ta' *manslaughter*, ekwivalenti fil-Ligi Maltija l-iktar l-iktar ghal reat ta' omicidju involontarju, bis-sentenzi citati f'dan il-kaz dan wassal ghar-reat iktar gravi ta' omicidju li tieghu l-istess rikorrenti nstabu hatja; f'dan il-kuntest jinghad li konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti jsostnu li gie applikat fil-konfront taghhom reat gdid mahluq bl-istess sentenzi u applikat fil-konfront taghhom retroattivament u dan ukoll imur kontra d-dritt fundamentali taghhom skont l-**artikolu 7 tal-Konvezjoni**; jghidu wkoll li b'hekk bl-istess sentenza kien hemm bidla fil-Ligi Kriminali Maltija u dan allura jfisser li gew applikati ghalihom elementi ta' reat li ma kienx jezisti meta sehhew il-fatti lilhom imputati u dan fih innifsu jwassal ghal-lezjoni tad-drittijiet taghhom fl-**artikolu 39 (8) tal-Kostituzzoni u tal-artikolu 7 (1) tal-Konvenzjoni Ewropea.**

Illi l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem** jipprovdi li:-

"*No one shall be guilty of any criminal offence on account of any act or omission which did not constitute a criminal offence under national or international law at the time when it was committed*."

Illi ghalhekk jirrizulta li r-rikorrenti qed jinvokaw t-tnejn miz-zewg principji separati li insibu protetti f'dan l-artikolu li jistghu jigu kkunsidrati bhala il-bazi tal-principju dwar tar-*Rule of Law* u dawn jikkonsistu fis-segwenti:-

*"1. A criminal conviction can only be based on a norm which existed at the time of the incriminating act or omission (nullum crimen sine lege) and 2. On account of*

*the infringement of that norm no heavier penalty may be imposed than the one that was applicable at the time the offence was committed (nulla poena sine lege)”.* **(Theory and Practice of the European Convention on Human Rights – van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak** – pagni 651/2).

Illi fis-sentenza **“Kafkaris vs Cyprus”** (ECtHR – 12 ta’ Frar 2008 intqal hekk:-

*“1. The guarantee enshrined in Article 7, which is an essential element of the rule of law, occupies a prominent place in the Convention system of protection, as is underlined by the fact that no derogation from it is possible under Article 15 of the Convention in time of war or other public emergency. It should be construed and applied, as follows from its object and purpose, in such a way as to provide effective safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment (see S.W. v. the United Kingdom and C.R. v. the United Kingdom, 22 Novembru 1995, Series A no. 355-C, pp.41-42 para. 35, and pp.68 and 69 para. 33, respectively”.*

*“2. Accordingly, it embodies in general terms, the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty (nullum crimen sine lege, nulla poena sine lege) (see Kokkinakis v. Greece, judgment of the 25 May 1993, Series A no. 260-A, p. 22, para. 52. While it prohibits in particular extending the scope of existing offences to acts which previously were not criminal offences, it also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused’s detriment, for instance by anology (Coeme and Others v. Belgium, nos. 32492/96, 32547/96, 32548/96, 33209/96 and 33210/96, para. 145, ECHR 2000-VII; and Achour, cited above, para. 41”.*

Illi fil-kawza **“Il-Pulizija vs Lorraine Falzon”,** il-Prim Awla tal-Qorti Civili (P.A. (GV) Riferenza Kostituzzjonali 12/2007 - 28 ta' Marzu, 2008) qalet li dan l-artikolu jipprovdi li:-

*"(i) huwa projbit li persuna tigi akkuzata b'reat meta fil-mument meta hija kkommettiet l-att, dak l-att ma kienx jammonta ghal reat , i.e. retroactive application of a criminal offence";*

*"(ii) persuna tista' titressaq biss ghal reat illi kien jammonta ghal tali meta gie kommess l-att";*

*"(iii) isegwi illi sabiex tkun taf jekk l-azzjoni hijiex wahda kriminali jew le, jehtieg li l-ligi li tikkostitwixxi dak ir-reat tkun accessibbli u cara, i.e. "legal certainty".*

Illi *inoltre,* fil-kaz **"Kokkinakis v. Greece"** ((ECtHR) - 22 ta' Novembru 1995) l-Qorti Ewropeja qalet li l-**artikolu 7** joffri, dak li hija sejhet bhala *"essential safeguards against arbitrary prosecution, conviction and punishment"* u spjegat illi:-

*"Article 7 embodies the general principle that offences must be based in law, and that an individual must be able to know from the wording of the relevant provisions, and if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable*. *(para. 52)"*

*"It generally entails that the law must be adequately accessible – an individual must have an indication of the legal rules applicable in a given case – and he must be able to foresee the consequences of his actions, in particular, to be able to avoid incurring the sanction of the criminal law. (**G v France** para 25 where notwithstanding changes in legislation leading to reclassification of the sexual offences of which the applicant was accused, these fell within the scope of the Criminal Code provisions, which were accessible and foreseeable). In terms of the standard of foreseeability, absolute certainty cannot be required, and indeed may be undesirable, entailing the risk of excessive rigidity, since the law has to be able to keep pace with changing circumstances. A standard of 'reasonable foreseeability' is sufficient. (**Sunday Times** para 49)".*

Illi kif qalet il-Qorti Ewropeja fil kaz **"S.W. u C.R. v United Kingdom"** (ECtHR - 22 Novembru 1995) *"judicial interpretation of criminal law provisions was a widespread and even necessary feature. Article 7 cannot be read as prohibiting the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretation from case to case, but the resultant development must be within the bounds of reasonable foreseeability and not alter the 'essence' of the offence. (Kokkinakis para 52 u G v France para 26)".*

Illi l-awturi fuq citati **van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak** fil-ktieb taghhom **Theory and Practice of the European Convention on Human Rights** josservaw ukoll li:-

*"in addition to the principles of "nullum crimen and nulla poena" the Court has distinguished a third principle: the authority applying criminal law shall interpret it not extensively, for instance by analogy, to the accused's detriment...according to the Court, an offence must be clearly defined in law. New more severe legislation cannot be applied to an ongoing situation that arose before it came into force. It is submitted, however, that this third principle is not a separate one but is embodied in the rationale of the nullum crimen and nulla poena sine lege principles".* (pagna 652).

Illi inoltre, dwar dan il-punt tal-intrerpretazzjoni u sorsi tal ligi l-awturi **Harris, O'Boyle & Warbrick** fil-ktieb taghhom **Law of the European Convention on Human Rights**, it-tieni edizzjoni, jghidu hekk dwar l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja:-**

*"Given that Article 7 requires that national courts act on the basis of their national law and that they interpret and apply that law in accordance with Article 7, the Strasbourg Court may find itself reviewing the interpretation and application of national law by national courts. In accordance with the Court's general approach whereby it does not question the interpretation and application of national law by national courts, this supervisory function is undertaken with caution, with the Court only exceptionally finding the interpretation and application of national law by*

*the national courts to be in breach of Article 7. Article 7 (1) refers to criminal offences that have a basis in 'law'. The term 'law' has the same autonomous meaning as it has elsewhere in the Convention, so that it includes, in terms of sources of law, judge-made law as well as legislation, whether primary or delegated. It does not include 'state practice' that is inconsistent with a state' written of judge-made law and its international human rights obligations. This was ruled in Streletz, Kessler and Krenz v Germany. There the three applicants had been convicted by a German court of offences of incitement to commit intentional homicide and sentenced to five to seven years' imprisonment under the criminal law of the German Democratic Republic (GDR), or East Germany that applied in the GDR when they committed their offences and which the courts of the new Germany continued to apply). The cases concerned the deaths of a large number of individuals who had been killed by GDR order guards by shooting or by mines as they tried to cross the border to West Germany at the time of the Berlin war. The applicants occupied senior positions in the GDR government and party apparatus that was responsible for orders to border guards to arrest or, if necessary, 'annihilate' border violators and to protect the border 'at all costs'. Whereas the applicants were tried under the GDR criminal law that existed when the deaths occurred, they argued that GDR 'state practice' – by way of the orders to border guards referred to above for which they shared responsibility – had superseded that law and justified their acts. The Court held that this 'state practice' was not 'law' for the purposes of Article 7 as it was contrary to both the fundamental right provisions of the GDR constitution and other GDR laws and the GDR's international human rights obligations. Accordingly, it did not replace the GDR criminal law existing at the time, which met the requirements of Article 7 (1). The Court's judgement confirms that delegated legislation or administrative acts that are ultra vires in national law do not count as 'law' for the purposes of Article 7, whether to take away an otherwise valid legal basis for prosecution or to provide a basis for prosecution that otherwise does not exist. The case may also provide a basis for ruling that Article 7 is*

*not complied with on the ground that a national 'law' which is valid within the national legal system is nonetheless contrary to the international human rights obligations of the state. In the companion case of K-HW v Germany, no breach of Article 7 was also found where a young GDR border guard who shot and killed a border violator was convicted by a German court of international homicide. In this case, while acknowledging the great difficulties the border guard would have faced if he had not followed orders, the Court stated that the GDR constitutional and criminal law under which he was later prosecuted were accessible to him and that 'even a private soldier could not show total, blind obedience to orders which flagrantly infringed not only the GDR's own legal principles but also internationally recognised human rights, in particular the right to life, which is the supreme value in the hierarchy of human rights'. In support of this approach, it may be argued that the soldier's difficulties should be taken into account in sentencing rather than in determining guilt."* Ara wkoll is-sentenza **"Peter Borg vs Avukat Generali"** (P.A. (AL) – 4 ta' Novembru 2010).

Illi fl-istess sentenza inghad illi:-

*"Article 7 also extends to the situation in which the scope of existing law is extended to acts or omissions that were previously not criminal, and lays down the principle that the 'criminal law must not be extensively construed to the accused's detriment'. The application of the existing law may be extended to new conduct by the courts by way of interpretation where its meaning has previously been unclear or is given a changed meaning by the courts in the applicant's case. It will only be in exceptional cases that the Strasbourg Court will find a violation on either of these bases. As stated by the Court in CR v UK, 'there will always be a need for elucidation of doubtful points and for adaptation to changed circumstances. Indeed … progressive development of the criminal law through judicial-lawmaking is a well entrenched and necessary part of legal tradition' in Convention states, so that Article 7 'cannot be read as outlawing the gradual clarification of the rules of criminal liability through judicial interpretations*

*from case to case, provided that the resultant development is consistent with the essence of the offence and could reasonably be foreseen'. As to clarity of meaning, the Court has in several cases not found a breach of Article 7 despite some very generally worded or obscurely drafted laws. This has been either because the national courts have already given it more precise meaning in their case law, or because they have given it a meaning when the point is ruled upon for the first time in the applicant's case that is both foreseeable and consistent with the essence of the offence."*

Illi jirrizulta lil din il-Qorti li r-rikorrenti nstabu mill-Qorti Kriminali hatja taht d-disposizzjoni tal-Ligi Kriminali ben definitiva fil-**Kap. 9** taht l-**artikolu 211** li jipprovdi li (1) kull min jinstab hati ta' omicidju volontarju jehel il-piena ta' prigunerija ghal ghomru u (2) hu hati ta' omicidju volontarju kull min, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'periklu car, jikkagunalha l-mewt.

Illi mill-atti processwali tal-azzjoni kriminali jirrizulta li fit-13 ta' Mejju 2001 u fil-lejl ta' qabel Rachel Bowdler hadet ammont ta' droga w spiccat fil-flat f'San Pawl il-Bahar fejn kienet toqghod omm Jason Decelis f'kondizzjoni kritika hafna, tant li rrizulta li hija kienet hadet *overdose.* F'xi hin kien hemm f'dan il-flat Carmel Decelis u r-rikorrenti odjerni, u cjoe' Concetta Decelis li kienet residenti fl-istess fond u binha Jason Decelis. Jirrizulta li l-istess Rachel Bowdler kienet intilfet kompletament minn sensiha, u dan minhabba li kienet taht effett ta' *overdose* tad-droga, u minkejja li kienet f'dan l-istat ir-rikorrenti jirrizulta li ma ghamlu xejn, tant li lanqas sejhu assistenza medika, u wara certu ammont sostanzjali ta' sieghat l-istess rikorrenti flimkien ma' Carmel Decelis iddisponew minnn Rachel Bowdler f'post imwarrab maghruf bhala "Ras il-Gebel", limiti tal-Imgarr, Malta u abbazi tar-risultanzi tax-xhieda prodotta, il-gurija sabet lir-rikorrenti hatja li b'dak li ghamlu, jew ahjar b'dak li naqsu li jaghmlu, huma kkomettew omicidju volontarju u dan ghaliex dolozament bil-hsieb li joqtlu l-istess persuna jew li jqieghdu il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunawlha l-mewt u b'hekk

instabu hatja skont id-dispisozzjonijiet tal-**artikolu 211 tal-Kodici Kriminali.**

Illi fil-fatt fl-istess sentenza tal-Qorti Kriminali inghad li *"jidher li l-gurati bil-verdett taghhom ikkonkludew li l-hatja Concetta w Jason Decelis kienu poggew il-hajja tat-tfajla zaghzugha Rachel Bowder, li kienet tinstab fi stat ta' helplessness assolut f'post li huma kellhom il-kontroll esklussiv fuqu, f'perikolu car billi, meta huma biss kienu l-persuni li setghu isejjhu w igibulha l-assistenza medika, li setghet salvatha, kieku l-kondizzjoni taghha giet trattata fil-hin propizju bl-antidote ezistenti, ddecidew li, biex jigi evitat kull inkwiet mal-Pulizija, partikolarment ghall-istess Jason Louis Paul Decelis, li kien hu li dahhal lill-vittma f'dak il-flat u sa ftit tal-hin qabel ma hassha hazin kien qed ikollu relazzjoni sesswali intima maghha, li ghal sieghat twal ma jaghmlux dan, sakemm l-imsemmija tfajla mietet. Dan kien agir mill-aktar kundannabbli minkejja kull diffikolta', sagrificcju, w implikazzjonijiet legali li setghu jigu involuti fihom dawn iz-zewg persuni hatja".*

*"Hu minnu li mhux allegat li l-krizi inizjali fl-istat tas-sahha ta' Rachel Bowdler ikkagunawha huma, pero' huma biss flimkien jew f'hinijiet differenti setghu w kienu fi grad li jsejjhu l-assistenza medika opportuna, li skont l-espert setghet salvat lill-vittma. Bl-ommissjoni persistenti taghhom li jaghmlu dan fuq firxa ta' madwar tnax il-siegha fil-kaz ta' Jason Decelis, u ta' madwar tmien sieghat fil-kaz ta' Concetta Decelis, huma kkagunaw jew accelleraw il-mewt tat-tfajla, li dak il-hin kienet tiddependi kompletament u esklussivament fuqhom u minnhom".*

Illi din is-sentenza giet ikkonfermata mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell Kriminali fejn inghad li *"ma hemm ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li s-sejbien ta' htija f'dan il-kaz hija ta' omicidju volontarju per via di ommissjoni taht it-tieni forma kontemplata fl-artikolu 211 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cjoe' fejn l-intenzjoni hi dik li tqieghed il-hajja ta' persuna f'perikolu car, dik l-intenzjoni li nirreferu ghaliha bhala intenzjoni posittiva indiretta. Bhalma ma jghid il-Profs. Sir Anthony Mamo: "The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness*

*whether death, clearly foreseen as probable, shall ensue or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill". U bhalma jispjega* ***Gerard Gordon*** *fil-ktieb tieghu* ***The Criminal Law of Scotland*** *fil-kuntest ta' recklessness (li fil-ligi Skocciza "is inadvertent and involves foresight of the risk) u ghalhekk hu tista' tghid identiku ghal kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta......".* Aktar il-quddiem fl-istess sentenza inghad li *"the jury will draw inference as to the state of mind* (of the accused) *the more careless the accused bahaviour the more likely it is that he will be ragarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved".*

Illi sabiex wiehed jasal ghal dan kif inghad fil-kaz citat ta' **"Robertson and Donaghue"** *".......in judging whether ... reckless indifference is present you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault was committed". All these are objective factors affecting the degree of carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death".*

Illi minn dan kollu u minn qari tal-istess sentenza jidher li l-Qorti Kriminali kienet qed tipprova u attwalment applikat l-**artikolu 211 tal-Kap. 9** izda r-rikorrenti qed isostnu li d-decizjoni kif moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali tmur lil hinn mill-elementi rikjesti fl-istess artikolu, anke fil-kuntest ta' att ta' ommissjoni maghmul bl-intenzjoni li jikkaguna l-mewt jew li f'dan il-kaz ir-rikorrenti raw il-mewt bhala konsegwenza probabli tal-ghemil taghhom, u li ghalkemm ma riedux il-mewt huma xorta wahda ommettew milli jaghmlu dawk l-atti li kienu jafu li probabilment kienu ser jiskansaw lil Bowdler mill-mewt – kollox allura ippremjat fuq dak li gie accennat ghalih u maghruf bhala "intenzjoni pozittiva indiretta".

Illi fil-fatt kif jirrizulta mis-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet **"Repubblika ta' Malta vs Frans Casaletto"** (8 ta' Novembru 2008) inghad li:-

*"Skont il-ligi taghna fl-omicidju volontarju l-intenzjoni mhux trid tkun bilfors dik ta' qtil (animus nocendi), hu bizzejjed*

*jekk l-intenzjoni kienet li tpoggi l-hajja ta' dak li jkun f'perikolu car. Meta l-intenzjoni hi li toqtol, allura dik hija intenzjoni diretta. Meta l-intenzjoni hi li tpoggi l-hajja f'perikolu car, dik hija intenzjoni positiva indiretta".*

Illi l-ligi taghna kif qal Sir Anthony Mamo f'**Mamo Notes** tipprovdi:-

*"has considered that from the point of view of wickedness having regard to the consequences ensuing, there is nothing to distinguish between a man who with the positive clear intent of killing proceeds to do an act which in fact causes death, and the man, who, although, without positively desiring to kill, yet does an act which inherently and obviously is likely to kill and in fact causes death. The knowledge that the act is likely to kill or the recklessness whether death clearly foreseen as probable shall ensue or not is treated by the law on the same footing as the intention to kill........The act which destroys life may be an act of commission or an act of ommission"* (fol. 218 **Mamo Notes).**

Illi r-rikorrenti jikkontendu li huma nstabu hatja taht dan l-artikolu peress li fl-interpretazzjoni tal-istess il-Qorti tal-Appell Kriminali stabbiliet bhala element konstituttiv ghall-intenzjoni rikjesta fl-**artikolu 211** b'preferenza ghall-att ta' ommissjoni li jikkaguna l-mewt, ir-rekwizit tad-*duty to take care* - obbligu li taghti kaz - b'dan li nghad li meta jkun hemm dan l-obbligu fil-ligi, in-nuqqas ta' osservanza tieghu, iwassal ghall-ksur ta' ligi u ghall-kuncett ta' negligenza grossolana, u li bl-applikazzjoni tieghu fil-Ligi Maltija dan issostiwixxa u/jew ikkostitwixxa l-element ta' intenzjoni doluza, b'mod allura li dak li huwa reat skont il-Ligi Ingliza u kkunsidarat bhala *culpable homicide,* gie bl-istess sentenza nkluz fil-ligi Malitja bhala omicidju volontarju.

Illi dan huwa iktar rilevanti fil-kuntest tad-difiza tar-rikorrenti fl-istess proceduri, fejn huma ssottomettew li dak li ghamlu jew ahjar naqsu li jaghmlu r-rikorrenti, ma kienx ser jammonta qatt ghal dak tar-reat ta' omicidju volontarju, peress li fil-Ligi Maltija l-*kuncett ta' duty to take care* ma

jezistix; l-allegazzjoni tar-rikorrenti hija allura li b'riferenza ghall-istess obbligu l-Qorti tal-Appell Kriminali applikat dak li huwa effettivament reat gdid ghar-rikorrenti bi ksur tad-drittijiet taghhom skont l-**artikolu 7 tal-Konvenzjoni.**

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti tirrileva li b'din il-procedura dak li qed jigi attakat hija biss is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, b'dan allura li s-sentenza tal-Qorti Kriminali ma hijiex qed tigi kontestata u lanqas hija *per se* oggett ta' dawn il-proceduri. Dan ifisser li allura l-kuncett ta' qtil volontarju kif indikat fis-sentenza tal-Qorti Kriminali mhux qed jigi mpoggi fid-dubju bhala li jikser id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, tant kull ma qed tigi attakata f'din il-procedura hija biss is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali. Dan certament ghandu portata mhux zghira fuq il-konsiderazzjonijiet ta' din il-kawza, iktar u iktar tenut kont tal-ezitu tal-istess sentenza tal-Qorti Kriminali.

Illi dan allura jfisser li l-lamenteli tar-rikorrenti ghandhom jigu kkunsidrati biss fid-dawl tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Appell, u mill-istess jidher car li l-istess Qorti tal-Appell Kriminali ikkunsidrat l-aggravvji tar-rikorrenti quddiemha. Wahda minnhom kienet li l-Qorti Kriminali tat interpretazzjoni hazina tal-ligi u dan ghaliex fil-konfront tar-rikorrenti Concetta Decelis irrimakat li hija kienet kaptana tas-sitwazzjoni. Il-Qorti tal-Appell Kriminali sabet li dan ma kienx il-kaz ghaliex il-Qorti Kriminali korrettement ghamlet riferenza ghall-fatt li l-istess rikorrenti kellha kontroll tas-sitwazzjoni, anke ghaliex kellha wkoll titolu fuq il-fond fejn kienet tinsab il-vittma; dwar ir-rikorrenti l-iehor jidher li mis-s-sentenza tal-Qorti Kriminali kien inghad li huwa wkoll kellu kontroll tas-sitwazzjoni meta huwa kellu relazzjoni intima mal-vittma u meta din intilfet minn sensiha huwa allura wkoll seta` jiddeciedi x'ser jaghmel fic-cirkostanzi, fis-sens li kellu kontroll fuq l-appartament in kwistjoni fejn huwa kien stieden lill-mejta tant li sar l-att taz-zwieg maghha u l-Qorti tal-Appell anke f'dan aspett ikkunsidrat li bil-posizzjoni li l-istess rikorrenti assuma, li effettivament jiehu hsieb tal-vittma,  huwa kien f'sitwazzjoni li jipprovdi l-kura, ossia ghajnuna li kien hemm bzonn sabiex jevita l-mewt tal-vittma, haga li ovvjament ma ghamilx. Dan huwa aktar

accentwat in vista ta' dak li r-rikorrenti ghamel wara li t-tfajla intilfet minn sensiha, fejn minkejja li kkomunika iktar minn darba ma` certu David Gatt li kien qallu sabiex jiehu lit-tfajla il-*clinic* jew l-Isptar, l-istess rikorrenti ma ghamel xejn minn dan. B'hekk inghad li ma kien hemm ebda interpretazzjoni hazina tal-ligi.

Illi t-tieni aggravju allegat mir-rikorrenti kien wiehed ta' evalwazzjoni tal-provi skont il-grad rikjest mill-ligi, u allura f'dan il-kuntest interpretazzjoni tal-fatti esposti u l-piz li jinghata lilhom u dan fil-kuntest li gie allegat mill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali li ma kienx hemm provi bizzejjed sabiex il-gurija tasal ghal konkluzjoni ta' htija oltre d-dubju ragonevoli u dan *inter alia* ghaliex inghad li *"l-prosekuzzjoni l-anqas ma ppruvat l-intenzjoni pozittiva indiretta ta' l-appellanti u cjoe' li kienet taf li bl-omissjoni taghha kienet qed tpoggi lil Rachel Bowdler f'perikolu car li titlef hajjitha"* jew fil-konfront ta' Jason Louis Paul Decelis *"li l-gurija ma setghetx ragjonevolment u legittimament tasal ghall-konkluzjoni ta' htija ta' l-appellant dwar l-akkuza ta' omicidju volontarju".*

Illi dwar dan, il-Qorti Kriminali tal-Appell sosntiet li dak li kien qed jigi kkunsidrat kien jekk jezistix l-att ta' omicidju volontarju minhabba omissjoni taht id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 211 tal-Kap. 9** u rriteniet li f'dan il-kaz irid jigi ppruvat li r-rikorrenti kellhom l-intenzjoni pozittiva diretta, u kien hawn li l-istess Qorti sabhet li bhala fatt r-rikorrenti Concetta Decelis assumiet kontroll tas-sitwazzjoni minn meta dahlet id-dar fl-10.30.p.m. b'dan li hija assumiet ir-rwol li tiehu hsieb tal-isfortunata Rachel Bowdler, u b'hekk l-gurati kellhom bizzejjed sabiex jaslu ghall-konkluzjoni mhux biss li l-appellanti assumiet *a duty to take care, "izda wkoll li volontarjament omettiet milli ssejjah ghajnuna medika nonostante li l-kondizzjoni ta' Rachel Bowdler kienet tidher aghar minn dik li kienet tat-tifel taghha".* F'dan il-kuntest inghad li ladarba r-rikorrenti hadet din il-posizzjoni kien allura iktar indikattiv ghaliha li hija ccempel ghall-ghajnuna. Fil-kuntest tar-rikorrenti l-iehor il-Qorti tal-Appell Kriminali sostniet li jirrizulta li r-rikorrenti ma hax il-parir ta' David Gatt li jiehu t-tfalja l-*clinic* jew l-Isptar u hadha fuqu li jassumu l-kura ta' Rachel

Bowdler, izda minkejja dan huwa xorta naqas milli jaghmel l-iktar haga elementari – dik li jitlob ghajnuna medika, li giet imsejjha bhala omissjoni lampanti tenut kont li l-istess rikorrenti kien ilu zmien mhux hazin jabbuza mid-droga u allura kien konxju wkoll mill-fatt li *overdose* tista' twassal ghall-mewt.

Illi ghalhekk jidher car li r-riferenza ghal dak li hija *duty to take care* saret biss sabiex jigi pprecizat li bhala fatt l-istess rikorrenti kienu fil-posizzjoni, u mhux biss, izda assumew ir-responsabilita' ta' dak li seta` jigri lill-istess tfajla, b'mod li l-intervent jew in-nuqqas ta' intervent taghhom, kien vitali u determinanti sabiex tigi salvata *o meno* l-hajja ta' Rachel Bowdler; dan gie kkunsidrat ukoll fil-kuntest ta' dak li seta` kien prevedibbli ghalihom, tenut kont li huma kienu jafu li l-istess tfajla kienet mitlufa minn sensiha u kienet qed issofri minn *overdose*, u huma t-tnejn ghazlu li ma jaghmlu xejn ghal dawk is-sieghat kollha, meta facilment huma setghu jitolbu ghall-ghajnuna medika. Din il-posizzjoni naturalment tapplika wkoll ghar-rikorrenti Jason Decelis kif inghad propju minhabba r-relazzjoni li huwa kellu mal-istess tfajla u li wkoll kien f'posizzjoni li jikkontrolla u jeffettwa l-posizzjoni taghha meta l-imsemmija tfajla kienet kompletament mitlufa minn sensiha u damet hekk ghal sieghat shah, bl-istess rikorrenti jaghzel li ma jaghmel xejn sabiex jghinnha sabiex tiehu l-kura medika li ovvjament kellha bzonn.

Illi dan kollu jfisser li kull ma l-istess Qorti ghamlet kienet li applikat biss il-principji stabbiliti ghall-omicidju volontarju per ommissjoni fil-kuntest li l-istess rikorrenti kienu akkuzati bih, li kien dak li l-mewt ta' Rachel Bowdler sehh minhabba l-ommissjoni tar-rikorrenti li jagixxu sabiex jaghtu ghajnuna lill-istess tfajla li kienet fi stat ta' *helplessness,* u tali nuqqas ta' azzjoni kien maghmul bl-intenzjoni li jikkawza l-mewt ta' persuna jew li titpogga l-hajja ta' dik il-persuna f'perikolu car ta' mewt, li fil-fatt jidher li sehhet bhala konsegwenza tal-ommissjonijiet *da parte* tal-istess rikorrenti.

Illi f'dan l-isfond din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mar-rikorrenti li permezz tar-riferenza li saret ghal *duty to take*

*care* fil-konfront tar-rikorrenti gie mahluq reat gdid ghaliex saret riferenza ghall-istess principju biss fid-dawl tal-fattispecie tal-kaz u dan biex jintwera li r-rikorrenti t-tnejn bhala fatt kienu effettivament in kontroll assolut tas-sitwazzjoni u setghu jiddeterminaw l-istess, kemm f'dak li jaghmlu jew jaghmlux, u iktar u iktar meta l-vittma kienet ghal kollox mitlufa minn sensiha, u fi stat ta' *helplessness* tali, li s-sitwazzjoni kienet kompletament fl-isfera ta' kontroll tar-rikorrenti, u l-hajja tat-tfajla f'dawk is-sieghat kollha kienet tiddependi minnhom u mill-agir taghhom biss.

Illi allura huwa f'dan l-isfond li l-lamenteli tar-rikorrenti odjerni ghandhom u jridu jigu kkunsidrati, tenut kont li huma stess fl-istess appell taghhom quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali, rreferew ghal tali *duty to take care* fil-kuntest tal-aggravju u kwezit ta' jekk kienx hemm provi bizzejjed sabiex l-istess rikorrenti jinstabu hatja tal-att tal-akkuza, u dan il-punt allura ma qamx fl-isfond ta' allegata interpretazzjoni hazina tal-ligi, u dan ifisser li allura dak li llum qed jigi sostnut f'din il-procedura huwa ghal kollox differenti minn dak li gie sottomess quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali.

Illi huwa veru li r-rikorrenti qed isostnu li din il-lamentela setghet titqajjem biss wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ghaliex skont huma kienet din il-Qorti li dahlet fuq il-kuncett ta' *duty to take care*. Izda dan ma huwiex korrett, peress li jidher car anke mill-appell interpost, li l-Qorti Kriminali kienet gja ghamlet accenn fl-indirizz taghha ghad-*duty to take care*, izda dan biss u unikament sabiex tindika l-misura ta' kontroll tas-sitwazzjoni li kellhom ir-rikorrenti tul il-hin kollu li l-istess tfajla kienet tinsab fi krizi, zmien li dam ghaddej sieghat shah, u li fih, iz-zewg rikorrenti ma ghamlu assolutament xejn, meta kien jidher car li s-sitwazzjoni kienet wahda serja ghall-ahhar, u jekk ma kienu ser jaghmlu xejn, kien prevedibbli li t-tfajla kienet ser tmut, kif fil-fatt sfortunatament gara.

Illi jirrizulta li fil-fatt kull ma l-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet kienet li wriet li l-posizzjoni li hadu r-rikorrenti kienet tali li l-hajja tal-istess tfajla, la kienet fid-dominju

taghhom, kien taht il-kontroll taghhom, u li n-nuqqas taghhom li jagixxu, kien probabbli li ser iwassal ghal konsegwenzi fatali, u allura bin-nuqqas taghom li jagixxu kien prevedibbli li t-tfajla kienet ser tmut, u allura kien imperattiv u necessarju ghalihom li jagixxu sabiex isalvaw is-sitwazzjoni, haga li huma ghazlu volontarjament li ma jaghmlux ghar-ragunijiet personali taghhom, bil-konsegwenza li huma gew ma jimportahomx x'jigri mill-istess Rachel Bowdler.

Illi f'dan il-kuntest huwa ovvju li r-riferenza li saret mill-Qorti tal-Appell Kriminali ghad-*duty to take care* kienet biss intiza sabiex tispjega s-sitwazzjoni fattwali li l-istess rikorrenti ghazlu li jibqghu fiha, fejn hadu kmand tas-sitwazzjoni, u ghazlu li ma jaghmlu xejn, sabiex ma jidhlux huma fl-inkwiet jew f'iktar inkwiet, b'mod li bl-omissjonijiet taghhom, u specifikatament dik bazilari li titlob jew tfittex ghal ghajnuna medika, wasslet ghat-telf ta' hajja tal-istess tfajla.

Illi dan allura ma jfissirx li b'xi mod l-istess Qorti tal-Appell Kriminali holqot xi obbligu ghar-rikorrenti *to take care*, kif ir-rikorrenti qed isostnu b'mod li gie kkreat xi element li ma kienx allura jezisti fl-**artikolu 211 tal-Kap. 9,** u fid-decizjoni moghtija mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali ma jirrizulax ghalhekk li gie mahluq xi reat gdid mhux kontemplat mil-Ligi Maltija.

Illi dan iktar u iktar meta kif inghad li effettivament l-indirizz tal-Imhallef li ppresjeda l-Qorti Kriminali rrefera ghal kuncett ta' *duty to take care* u fil-fatt dan huwa ndikat fl-ewwel paragrafu ta' pagna 24 tas-sentenza tal-appell, u ma` dan jizdied ukoll li l-Qorti tal-Appell Kriminali effettivament amplifikat fuq l-istess kuncett biss sabiex tindika li bhala fatt l-istess rikorrenti kienu assumew kontroll shih u kienu kmandi tas-sitwazzjoni u huwa f'dan il-kuntest biss u bhala element ta' prova u ta' fatt li dan il-kuncett saret riferenza ghalih sabiex jigu spjegati l-fattispecie tal-kaz, u l-posizzjoni fattwali tar-rikorrenti fil-konfront tal-vittima fil-mumenti u sieghat vitali qabel il-mewt taghha, karatterizzati bin-nuqqas ta' azzjoni mir-

rikorrenti, nuqqas li wassal effettivament u kien il-kawza tal-mewt tat-tfajla.

Illi dan allura jfisser li dak li inghad mill-Qorti tal-Appell Kriminali ma jammontax ghal interpretazzjoni wiesgha ta' dak li jikkostitwixxi r-reat ta' omicidju volontarju u lanqas li kien hemm xi *lacuna* fil-Ligi Maltija, li b'analogija l-Ligi Ngliza giet uzata sabiex tissuplixxi dik Maltija; anzi jidher car li dak li gie kontemplat mill-Qorti f'dak li huwa ligi huwa biss l-att volontarju ta' qtil kontemplat fl-**artikolu 211** b'att ta' ommissjoni maghmula volontarjament mir-rikorrenti li kkawza l-mewt tal-imsemmija tfajla sfortunatata, kollox fil-kuntest ta' dak li kien prevedibbli fic-cirkostanzi li r-rikorrenti sabu ruhhom jew poggew ruhhom fihom. B'hekk ma gie kkreat l-ebda obbligu fil-ligi bhal dak ta' *duty to take care* u wisq inqas gie kkreat reat gdid.

Illi fil-fatt fil-kazi gja citati ta' **Kafkaris vs Cyprus** (ECtHR - 12 ta' Frar 2008) u **"Kokkakinis vs. Greece"** (ECtHR - 25 ta' Mejju 1993) inghad li dan il-principju *"also lays down the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused detriment, for instance by anology"* Dan ifisser li *"that a judge must not fill a gap in the criminal law by applying a statute beyond its wording or by extending a precedent through the creation of a new unwritten crime"* **(Claus Kress "Nulla peona nullum crimen sine lege").**

Illi fil-kaz ta' **"Case of M vs Germany"** (ECtHR – 17 ta' Dicembru 2009) inghad li:-

*"When speaking of "law" Article 7 alludes to the very concept as that to which the Convention refers elsewhere when using that term, a concept that implies qualitative requirments, including those of accessibility and forseeability (see Cantoni v. France – 15 th November 1996 ...; Coeme and Others v. Belgium.......and Ahour...) These qualitative requirements must satisfy as regards both the definition of an offence and the penalty of the offence in question carries (Achour ...and Kafkaris ...). An individual must know from the wording of the relevant provision, and, if need be, with the assistance of the*

*courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed of the act committed and/or omission (compare Cantone, cited above, para. 29; Uttley, cited above; and Kafkaris, cited above para. 140)".*

Illi tenut kont ta' dan, jirrizulta li bl-ebda mod ma jista' jinghad li fl-istess sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali ma gie impost b'analogija fil-ligi Maltija l-kuncett legali tad-*"duty to take care",* anzi l-istess sentenza tghid esplicitament li tali obbligu ma kienx u ma jifformax parti mill-Ligi Maltija. Ir-responsabbilta' tar-rikorrenti ma nstabitx fil-ksur tal-istess obbligu, izda hija naxxenti mill-fatt li l-istess rikorrenti konxjentozament, meta kienu in kontroll tas-sitwazzjoni li huma sabhu ruhhom jew anke poggew ruhhom fiha, ghazlu li ma jaghmlu xejn, meta s-sitwazzjoni kienet tali li huma setghu jagixxu sabiex isalvaw jew jittentaw isalvaw il-hajja tal-imsemmija tfajla, u kien prevedibbli li l-konsegwenza ta' tali nuqqas ta' azzjoni kien ifisser il-mewt tal-istess tfajla. Hija din il-portata tas-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Appell u huwa li f'dan il-kuntest li l-istess ghandha tinqara, u dan iktar u iktar fl-isfond li l-istess sentenza f'dik il-parti issa ttrattata kienet qed tirreferi ghall-evalwazzjoni ta' fatti li jippruvaw ir-reat li bihom huma gew akkuzati, u allura lanqas biss kwistjoni ta' interpretazzjoni ta' ligi.

Illi ghalhekk l-allegazzjoni tar-rikorrenti li gie ntrodott element gdid fir-reat ta' qtil volontarju bl-introduzzjoni tad-*duty to take care* hija ghal kollox infondata u ghalhekk l-ewwel talba qed tigi michuda.

Illi dwar it-tieni talba jinghad li konformament ma' dak hawn deciz ma saret ebda introduzzjoni b'analogija tal-Ligi Ngliza dwar il-kuncett ta *duty to take care* mil-ligi Ngliza, u dan ghas-semplici osservazzjoni li bl-ebda mod bir-riferenza ghall-istess obbligu, is-sentenza citata ma kienet qed tiddefinixxi jew taghmel interpretazzjoni tal-**artikolu 211 tal-Kap. 12,** izda rreferiet ghall-istess kuncett biss sabiex tispjega l-posizzjoni ta' fatt li r-rikorrenti poggew ruhhom fiha meta kienu in kontroll tas-sitwazzjoni u allura setghu jaghzlu li jagixxu jew le. Fil-kuntest ta' dan

kollu jirrizulta ghalhekk li l-istess sentenza proprju fuq dan l-isfond, bl-ebda mod ma kienet qed tinterpreta l-istess disposizzjoni tal-ligi, u wisq inqas kienet qed tapplika l-ligi Ngliza per analogija, u ghalhekk bl-ebda mod ma kienet qed tittrasporta l-istess kuncetti Nglizi li jwasslu ghal *manslaughter* fil-Ligi Maltija. Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali trattat il-punt tal-qtil volontarju skont id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 211 tal-Kap. 9** dwar *"omicidju volontarju per via di ommissjoni taht it-tieni forma kontemplata fl-artikolu 211 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, cioe' l-intenzjoni li nirreferu ghaliha bhala intenzjoni posittiva indiretta",* u l-ligi giet interpretata kif dejjem kienet u baqghet u ghalhekk anke f'dan is-sens it-tieni talba qed tigi michuda.

Illi dwar it-tielet talba ma jirrizultax allura minn dak hawn deciz li kien hemm xi applikazzjoni retroattiva ta' xi reat gdid fil-konfront tar-rikorrenti u l-fatti akkuzati bihom u ghalhekk anke din it-talba qed tigi michuda.

Illi dwar ir-raba` talba jinghad li din hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt ukoll ghaliex ma jirrizultax li bis-sentenza citata giet introdotta disposizzjoni gdida fil-ligi nostrana ta' *duty to take care*; fil-fatt r-rikorrenti kienu akkuzati bir-reat ta' qtil volontarju permezz ta' ommissjoni ta' atti u fuq l-elementi ezistenti ta' l-istess reat gew processati u kkundannati, li huma l-istess elementi li kienu jezistu fil-mument tal-kommissjoni tar-reat. Ghalhekk ma kien hemm ebda applikazzjoni ta' ligi li holqot bl-istess sentenza reat gdid fil-konfront tar-rikorrenti b'mod li xi reat jew piena gew mahluqa bl-istess sentenza u applikati retroattivament ghall-fatti li sehhew qabel ma kien jezisti l-allegat reat gdid li r-rikorrenti rreferew ghalih, u ma jirrizultax li kien hemm xi ksur tas-smigh xieraq kif protett taht l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 39 (1) tal-Kostituzzjoni** f'dan ir-rigward fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk anke din ir-raba' talba qed tigi michuda.

Illi ghalhekk konsegwentement ghac-cahda ta' l-ewwel erba' talbiet tar-rikorrenti, il-hames u sitt talba qed jigu michuda.

Illi ghalhekk it-talbiet tar-rikorrenti qed jigu michuda.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-intimati fir-risposta taghhom datata 22 ta' Jannar 2009 fis-sens li tiddikjara li l-Ministru tal-Gustizzja u Intern ma huwiex il-legittimu kontradittur u allura tillibera lill-istess mill-osservanza tal-gudizzju, u fil-waqt li tichad it-tieni, it-tielet, u r-raba' eccezzjoni tal-intimati, izda tilqa' l-ecccezzjonijiet l-ohra taghhom fil-mertu biss in kwantu l-istess huma konsistenti ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti fir-rikors taghhom datat 15 ta' Jannar 2009** peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------